MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR. JOSEPH BONNICI

Seduta tat-3 ta' Gunju, 2004

Talba Numru. 2350/2003

**GasanMamo Insurance Limited hekk kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Darryl Grima sija bil-polza u sija bil-ligi u l-istess Darryl Grima**

**Vs**

**Neville Vella**

It-Tribunal,
Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-24 ta’ Novembru 2003 fejn is-socjeta` attrici talbet sabiex il-konvenut ihallas l-ammont ta’ Lm305.75 (tlett mija u hames liri Maltin u hamsa u sebghin centezmu) bhala danni kagunati f’incident awtomobilistiku fis-Siggiewi.

Fl-avviz tat-talba intqal:-
L-atturi jitolbu lil dan it-Tribunal sabiex jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta’ tlett mija u hames Liri u hamsa u sebghin centezmi (Lm305.75) rapprezentanti danni kagunati f’incident awtomobilistiku tad-9 ta’ Jannar, 2003, fi Triq Mons. Mikiel Azzopardi, Siggiewi, bejn il-

vettura bin-numru GAJ 683 misjuqa mill-konvenut, u l-vettura numru KBD 741 misjuqa minn u proprjeta` ta’ l-assikurat tas-socjeta` attrici, liema vettura kienet assikurata taht il-polza ‘comprehensive’ mas-socjeta` attrici u li ghaldaqstant ghamlet tajjeb ghad-danni kkagunati fuq il-vettura ta’ l-assikurati taghha, liema incident sehh unikament tort tal-konvenut minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu.

L-ammont mitlub jinkludi hamsa u ghoxrin Lira Maltin (Lm25.00) ‘Excess’ imhallsa mill-attur Darryl Grima, li kien assikurat taht il-polza ‘comprehensive’ mas-socjeta’ attrici.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-22 ta’ Ottubru, 2003, u ta’ l-ittra ufficjali ipprezentata kontestwalment ma’ dan l-Avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut u bl-imghaxijiet legali mit-22 ta’ Ottubru, 2003, sal-gurnata tal-hlas effettiv, kontra l-konvenut li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta fejn inghad li:-

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-eccipjenti ma jahtix ghall-incident de quo, liema incident sehh unikament minhabba negligenza, traskuragni u nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tas-sewqan da parti ta’ l-attur Darryl Grima;

2. Illi fi kwalsijasi kaz u minghajr pregudizzju ghall-premess l-atturi jehtigilhom jipprovaw id-danni allegatament sofferti minnhom stante li l-istess huma kontestati;

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez.

Sema’ x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:-

Illi l-ambjent tal-kollizzjoni jikkonsisti fejn hemm is-'central strip' fil-Bypass tas-Siggiewi ossia Triq Mons Mikiel Azzopardi. Dan jippermetti traffiku li gej mid-direzzjoni ta' Haz-Zebbug biex jikser fuq il-lemin fid-direzzjoni tac-centru tas-Siggiewi. Hija necessarja traversata tal-karreggjata opposta. Di fatti hemm 'give way sign'.

'Ex admissis', l-attur xehed li fl-ebda mument huwa ma waqafx izda adopera 'a smooth manoeivre' biex ikompli jaqsam u jmur fid-direzzjoni tieghu. Huwa ra il-vettura misjuqa mill-konvenut wieqfa. Hekk kif nasal fil-bokka opposta, il-konvenut saq u saret il-kollizzjoni.

Da parti tieghu, il-konvenut stqarr li kien miexi bil-mod, ra lill-attur gej mill-boghod. Flok waqaf fuq ic-'central strip' baqa ghaddej u habtu.

Illi mhux kontestat li l-attur kellu jaghti precedenza ghat-traffiku li gia kien fuq it-triq principali, liema triq huwa ried jaqsam. Kif ammetta huwa stess, qatt ma waqaf 'dead stop', izda kompla wara li esplora t-triq waqt li kien miexi. Kien f'dak il-mument, il-konvenut saq.

Illi t-tesi konvenuta hija konfortata mix-xhieda taz-zewg passiggieri fl-istess vettura.

Illi huwa l-oneru tal-atturi li jippruvaw il-kaz taghom almena fuq bilanc ta' probabilitajiet – onus probando incumbit ei qui dicit non ei qui negat. Il-konvenut kien fit-triq principali. L-attur ried jittrasversalhu l-karreggjata tieghu. L-attur kellu jiehu aktar mizura ta' prekawzzjoni. Agixxa taht imperizia. Jirrizulta mir-ritratti li halla 'brake marks' warajh. Dan jindika li huwa ra lill-attur qabel il-habta propria. Inoltre dina issuccediet fil-kareggjata propria tal-konvenut. It-Tribunal ma jiskontrax l-ebda nuqqas u/jew kontribuzzjoni da parti tal-konvenut.

Jiddeciedi billi jilqa` l-eccezzjoni tal-konvenut, jichad it-talba tal-atturi bl-ispejjez kontra taghhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------